**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U TLETIN 21ta' FRAR, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri ma setgħax jattendi għax jinsab imsiefer fuq studju.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **36.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 36.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard informa li ma jistax jattendi minħabba x-xogħol. L-ittra ta' apoloġija ġiet aċċettata. Dok.1 mehmuż. |
| | | |
| **36.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 36.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***36.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ/TAS-SOTTO KUMITAT TURIŻMU U KULTURA/ SOTTO KUMITAT ANZJANI*** |
| | | |
| | | |
| 36.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 44 tal-Kumitat Amministrattiv. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***36.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 36.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Reġjonali Nofsinhar tal-20 ta' Diċembru, 2017.<br><br>F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Dino Bonnici (18:20) |
| | | |
| | | |
| ***36.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 36.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti u r-rapport li għamel il-contract manager fuq ix-xogħol li qed jagħmel il-Kuntrattur fuq il-ġonna u soft areas u fuq il-manutenzjoni li hemm bżonn li ssir fi ġnien l-Ewropa fi Triq Bronja.<br>Dok 2 mehmuż |
| | | |
| 36.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li llum kellha laqgħa ma' rappreżentant tal-WSC fejn talbu li issir bankina fi Triq Ħal Far (fl-ewwel parti) fejn huma għandhom installat meter box. Is-Segretarju Eżekuttiv wriet il-parti tat-triq involuta.<br>Tqajmet diskussjoni li f'dik il-parti tat-triq il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jgħamel il-patching u jaqta' l-ħaxix ħażin, għalkemm din il-parti tat-triq ma tagħmilx mal-konfini taż-Żurrieq.<br>Kien hemm qbil li dik il-parti tat-triq ġaladarba tagħmel mal-konfini ta' Ħal Safi, tali bankina għandha ssir mill-Kunsill ta' Ħal Safi. |
| | | |
| 36.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttv ressqet talba għall-permess ta' banner biex jitwaħħal fi Vjal il-Blue Grotto. Dan il-banner jikkonċerna l-attivitajiet li ser isiru fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-permess. |
| | | |
| 36.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment biex issir CCTV viċin l-out door gym, biex jekk ikun hemm xi vandaliżmu jinqabad. Kien hemm qbil li tinġib stima fuq cctv. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***36.6*** | | ***Ilmenti lill-ispettur tal-Pulizija taż-Żurrieq ( kienet preżenti l-Ispettur Charlotte Curmi)*** |
| | | |
| 36.6.1 | | Is-Sindku f'isem il-Kunsilliera laqa' lill-ispettur Charlot Curmi u lill-Assistent Kummissarju Alessandro Gatt. Is-Sindku qal li ttieħdet id-deċiżjoni li jiġu mistiedna rappreżentanti mill-għassa taż-Żurrieq, għax dan ir-raħal jixraqlu aktar sigurta, b'mod speċjali fil-viċinanzi tal-għassa stess.<br>Is-Sindku semma dawn l-ilmenti:<br>• fl-għassa m'hemm privatezza ta' xejn,<br>• f'waqtiet l-għassa tkun mingħajr vettura,<br>• għassa maħmuġa u ġieli tara anke ġrieden ħerġin, |

| | | |
|---|---|---|
| | | • mingħajr aircondition;<br>• mhux post fejn tista taħdem xieraq.<br>• hemm pulizija mingħajr manjieri ta' xejn.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ilmenti li huma frekwenti :<br>• bżonn ta' sorveljanza fejn l-aktar li jkun hemm kontravenzjonijiet – Triq Bronja, Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba, Triq l-Imqabba f'Tal Bebbux, f'Misraħ Repubblika (fejn hemm il-ħwienet) u fl-akwata ta' Ħal Millieri persuna qed twaħħal tapit mal-art biex iservi bħala sieqja għall-ilma tal-ġibja.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-logħob bil-ballun u ġiri bir-roti fi Ġnien il-Ġibjun u l-Ispettur qalet li ġaladarba m'hemmx bye law, ma jkunux jistgħu jiġu mħarka.<br>• Ikkonfermat li hi u l-ispettur Curmi jagħmlu laqgħat flimkien.<br><br>L-Assistent Kummissarju ġibed l-attenzjoni fuq dawn il-punti:<br>• Fiż-Żurrieq qed ikunu assenjati 4 pulizija kuljum li statistikament qed jagħtu madwar 20 ċitazzjonijiet fil-ġimgħa fiż-Żurrieq.<br>• l-għassa ila bla vettura diversi ġranet minħabba l-ħsara li għandha u hu personalment qed jagħmel insistenza biex iż-Żurrieq ikollu vettura ġdida.<br>• Il-Gvern qed idur diversi għasses għall-manutenzjoni u l-għassa taż-Żurrieq ser tkun waħda minnhom. Din hi imminenti.<br>• Hemm tender bħalissa biex l-għasses ikollhom l-airconditions.<br>• Lest li jgħati l-għajnuna meta s-Segretarju Eżekuttiv tibgħatlu email bl-ilmenti. Hu offra l-email address tiegħu għall-ilmenti tal-Kunsill.<br><br>L-ispettur qablet mal-ilmenti tas-Sindku fejn tirrigwardja n-nuqqasijiet tal-għassa u hi qalet li jeħtieġ sforz kollettiv biex l-għassa tkun fi stat aħjar.<br><br>Is-Sindku rringrazzja lill-dawk preżenti tal-għajnuna tagħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Ministru kkonċernat, bil-kundizzjoni tal-għassa taż-Żurrieq. |
| | | |
| ***36.7*** | | ***Stima tad-dwal tal-Milied*** |
| | | |
| 36.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-istima tad-dawl tal-Milied li ntalbet iġġib fl-aħħar seduta (dok 3. Mehmuż) |
| | | |
| 36.7.2 | | Kien hemm qbil li tintalab stima biex jarma u jżarma l-armar ta' madwar il-palm ta' Vjal il-Blue Grotto.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta f'dan il-ħin (19:20) |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***36.8*** | | ***Fly a Kite for Charity*** |
| | | |
| 36.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mingħand Lawrence Collins fuq l-attivita' Fly a kite for charity, li qed tiġi organizzata kull sena fi Ġnien il-Ġibjun. Id-data tal-attivita' ser tkun fid-9 ta' Ġunju. L-organizzaturi qed jitolbu stand bla ħlas fil-Festa Ħut, permessi għall-attivita u l-ħlas tal-istampar tal-posters li jitqassmu fil-ħwienet.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. L-istampar isir mill-kuntrattur tal-Kunsill. |
| | | |
| 36.8.2 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li għall-attivitajiet ta' Festa Ħut u għall-attivitajiet ta' Bubaqra, il-Kunsill ma ingħatax fondi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.<br>Is-Sindku qal li hemm bżonn nitkellmu fuq il-fondi li ġew mgħotija lill-Kunsill għas-sena li għaddiet u li ma setgħux jintnefqu minħabba li tħassar kollox minħabba l-elezzjoni ġenerali.<br>Għas-seduta li jmiss jitpoġġa item fuq l-aġenda, ħalli min ikun jista jgħati l-għajnuna tiegħu, jkun infurmat. |
| | | |
| ***36.9*** | | ***Ħruġ ta' sejħa għall-offerti: Street Sweeping and Cleaning Services*** |
| | | |
| 36.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ressqet għad-diskussjoni it-tender tal-knis. Ġiet iggwidata mid-Dipartiment tal-Kunsili Lokali li dan it-tender għandu joħroġ għal sena u jiġi mġedded sena sena. Dan għaliex il-Gvern hu fil-ħsieb li jieħu dan is-servizz taħt idejh billi jagħti lill-Kunsilli nies li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol.<br>Kien hemm qbil li għal dan it-tender il-Kunsill jitlob li iż-Żurrieq jinkines darba fil-ġimgħa kullimkien bil-mecchanical sweeper li ġġorru bl-idejn. |
| | | |
| | | |
| 36.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll li l-kwotazzjoni tal-Accountant tal-Kunsill, ser tiskadi f'Marzu li ġej u għalhekk jeħtieġ li tinħareġ tender. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***36.10*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 36.10.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li fil 25 ta' Marzu, 2018, ser terġa tiġi l-blood mobile unit fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 36.10.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li ġie mlaqqa l-grupp tal-orkestra biex issir mawra f'Pedara u jsir kunċert mill-orkestra tal-Kunsill mis-17 sal-21 ta' Awwissu, 2018. Il-Programm ser jinżamm bħal tas-sena l-oħra. Qed jintalbu stimi tal-akkomodazzjoni. |
| | | |
| 36.10.3 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li kien avviċinat mis-Sindku biex fid 9 ta' Ġunju, issir ġurnata ġita fi Sqallija – il-prezz ser ikun ta' 140Euro kull persuna. Il-programm ser imexxih hu stess, minflok titqabbad kumpanija privata. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 36.10.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu ilment biex isir wiċċ għal trejqa fil-kampanja fi Triq Ħal Far. Hu ħa lill-Kuntrattur miegħu u l-istima hi ta' 4,000Euro biex isir ix-xogħol meħtieġ.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux finanzi biżżejjed għal dan il-każ. |
| | | |
| 36.10.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu ilment biex issir *sleeping policeman* li tiġi bejn Triq il-Ħaddiema, mill-Armerija sal-Venda. Kien hemm qbil li ssir wara l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| 36.10.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk hux ser issir bankina fi Vjal ix-Xarolla man-naħa tal-għelieqi u kemm ser tkun wiesgħa jekk ser issir.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-kurduna tal-bankina diġa saret u jaħseb li hi wiesa biżżejjed. |
| | | |
| 36.10.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-pagamenti taż-Żurrieq Wolves u FC sarux tas-sena l-oħra.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tiċċekja. |
| | | |
| 36.10.8 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi Triq il-Belt Valletta hemm passaġġ li meta jkun maltemp qed ikun hemm skart u materjal li jinġabar mill-għelieqi. Dan qed ikun ta' inkonvenjent għal min jużah. |
| | | |
| 36.10.9 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk żewġ skips fi Triq l-Inġiniera għandhomx permess, għax hemm waħda ilha hemm aktar minn tliet xhur.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tiċċekja u jekk m'hemmx permessi ser tirrapporta. |
| | | |
| | | |
| ***36.11*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 36.11.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***36.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 36.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€30,416.30**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindu u l-kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***36.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 36.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21ta' Marzu, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _21___ ta' MARZU, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**